

31984R0671

16.3.1984

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 73/28

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 671/84**  
**tal-15 ta' Marzu 1984**  
**dwar applikazzjonijiet għall-iffinanzjar ta' għajnuniet mogħtija mill-Istati Membri lill-organizzazzjonijiet**  
**ta' produtturi fis-settur tal-prodotti tas-sajd**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunita Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3140/82 tat-22 ta' Novembru 1982 dwar l-għoti u l-iffinanzjar ta' għajnunata mogħtija mill-Istati membri lill-organizzazzjonijiet ta' produtturi fis-settur tal-prodotti tas-sajd <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(3) tiegħu,

Billi talbiet għall-iffinanzjar ta' għajnuniet mogħtija mill-Istati Membri skond ir-Regolament (KEE) Nru 3140/82 għandhom jinkludu ċerti dettalji biex tkun tista' ssir verifika jekk in-nefqa tkunx tikkonforma mad-dispożizzjonijiet ta' l-imsemmi Regolament;

Billi, biex verifiki effettivi jkunu jistgħu jsiru, l-Istati Membri għandhom iżommu dokumenti ta' sostenn għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni għall-perijodu ta' tliet snin wara l-iffinanzjar finali jkun twettaq;

Billi dan ir-Regolament jibdel ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1273/72 <sup>(2)</sup>; billi dan ta' l-aħħar qiegħed għalhekk jiġi mħassar;

Billi l-miżuri li għalihom jipprovdi dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Fond Ewropew tal-Gwida Agrikola u Fond tal-Garanzija,

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-15 ta' Marzu 1984.

*L-Artikolu 1*

1. L-applikazzjoni għall-iffinanzjar li għaliha jirreferi l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KEE) Nru 3140/82 għandha tinbagħat fil-forma tat-tabelli murija fl-Anness.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni, flimkien ma' l-ewwel applikazzjoni għall-iffinanzjar, it-testijiet tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jirrelataw mal-implimentazzjoni u kontroll u ta' l-istruzzjonijiet amministrattivi relevanti, flimkien ma' xi formoli jew dokumenti oħra li jirrelataw ma' l-amministrazzjoni tal-għajnunata.

*L-Artikolu 2*

L-Istati Membri għandhom iżommu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni, dwar kull benefiċjarju u għall-perijodu ta' tliet snin wara li l-iffinanzjar finali jkun twettaq, id-dokumenti kollha ta' sostenn ta' kopji awtentikati tagħhom li jkunu fil-pussess tagħhom u li fuq il-bażi tagħhom id-deċiżjonijiet kienu ttieħdu biex tingħata l-għajnunata li għaliha jipprovdi l-Artikolu 6 tar-Regolament (KEE) Nru 3796/81.

*L-Artikolu 3*

Ir-Regolament (KEE) Nru 1273/72 qiegħed b'dan jiġi mħassar.

*L-Artikolu 4*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum li jiġi wara dak li fih jiġi ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

*Għall-Kummissjoni*

Giorgios CONTOGEOGIS

*Membre tal-Kummissjoni*

<sup>(1)</sup> ĠU L 331, tas-26.11.1982, p. 7.

<sup>(2)</sup> ĠU L 141, tal-21.6.1972, p. 9.

## L-ANNEX I

**Tagħrif ipprovdut mill-Istati Membri dwar organizzazzjonijiet ta' produtturi fl-industrija tas-sajd skond it-tifsira ta' l-Artikolu 5 tar-Regolament (KEE) Nru 3796/81**

- Stat Membru .....
- Numru tas-serje <sup>(1)</sup> .....
- Organizzazzjoni ta' produtturi (isem u ndirizz) .....
- .....
- Data tal-formazzjoni .....
- Huwa b'dan konfermat illi d-data ta' l-għarfien hija .....
1. L-organizzazzjoni ta' produtturi kif bi ħsiebha tiżgura li s-sajd li jsir skond linji razzjonali u dawk il-kondizzjonijiet għall-bejgħ tal-prodotti jistgħu jittejbu?
  2. X'dispożizzjoni inghamlet fid-dokument biex tkun ssodisfata l-hteġa li l-prodotti kollha li dwarhom il-produttur iżommu s-sħubija għandhom jiġu disponuti permezz ta' l-organizzazzjoni u kif dan qiegħed jiġi applikat fil-prattika?
  3. Fejn xieraq; liema huma l-prodotti u l-kwantitajiet li l-produtturi membri huma awtorizzati mill-organizzazzjoni ta' produtturi li jbiegħu huma stess u liema regoli komuni stabbiliti bil-quddiem japplikaw f'dan il-każ?
  4. Liema regoli li jirregolaw il-produzzjoni u l-bejgħ jiġu applikati mill-organizzazzjoni ta' produtturi?
  5. B'liema mezzi speċifiċi l-organizzazzjoni ta' produtturi bi ħsiebha tuża biex tassigura l-konformita mal-poduzzjoni minima u r-regoli tas-suq matul s-sena tas-sajd?
  6. Ipprovi tagħrif li jikkonferma li l-organizzazzjoni ta' produtturi m'għandhix pożizzjoni dominanti fis-suq komuni, sakemm dik il-pożizzjoni ma tkunx meħtieġa biex jintlaħqu l-għanijiet ta' l-Artikolu 39 tat-Trattat.
  7. Fl-istess qasam hemm xi organizzazzjonijiet oħra li diġà ġew mogħtija għarfien u l l-attivitajiet tagħhom li jirrelataw ma' l-istess prodotti jew prodotti simili? Jekk iva, għati l-ismijiet, l-indirizzi u l-oqsma li fihom jaħdmu dawk l-organizzazzjonijiet. Uri sa liema limitu t-tagħrif dwar organizzazzjoni ta' produtturi jista' jikkawża, permezz ta' razzjonalizzazzjoni akbar fl-attivitajiet tas-sajd fuq il-bażi ta' pjanijiet ta' qbid u b'konċentrazzjoni mhejjha ta' provvisti tal-prodotti maqbuda mill-membri tagħha, titjib fil-produzzjoni u strutturi tas-suq meta mqabbla mas-sitwazzjoni presenti <sup>(2)</sup>.
  8. Jekk l-organizzazzjoni ta' produtturi kienet iffurmata minn organizzazzjonijiet oħra li kienu jesiżtu qabel, għati l-ismijiet u l-indirizzi ta' dawn ta' l-aħħar.
  9. Kif kienet l-organizzazzjoni nformata bil-kontribuzzjoni tal-Komunita lejn l-iffinanzjar tal-għajnuna?

<sup>(1)</sup> Numerar kontinwu minn sena għall-oħra.

<sup>(2)</sup> Għandha tingħata tweġiba biss dwar organizzazzjonijiet ta' produtturi li qiegħdin jirċievu l-għajnuna li għaliha jipprovi l-Artikolu 6(2)(b) tar-Regolament (KEE) Nru 3796/81 (ĠU L 379, tal-31.12.1981, p. 1).

## L-ANNEX II AA.

**Applikazzjoni għall-iffinanzjar**

Stat Membru .....

Nru tas-serje <sup>(1)</sup>	Organizzazzjoni ta' produtturi	Ammont ta' għajjuna mogħti skond l-Artikolu 6(1) u (2) tar-Regolament (KEE) Nru 3796/81	Ammont li għandu jitħallas lura
Għajjuniet li jirrelataw ma' l-ewwel sena li tiġi wara id-data ta' l-għarfien:			
Għajjuniet li jirrelataw mat-tieni sena li tiġi wara d-data ta' l-għarfien:			
Għajjuniet li jirrelataw mat-tielet sena li tiġi wara d-data ta' l-għarfien:			
Għajjuniet li jirrelaw mar-raba' sena li tiġi wara d-data ta' l-għarfien:			
Għajjuniet li jirrelataw mal-ħames sena li tiġi wara d-data ta' l-għarfien:			
Għajjuniet lill-organizzazzjonijiet ta' produtturi fformati minn organizzazzjonijiet li kienu jesiżtu qabel:			
		Total:	
		Rkupru:	
		Total:	

<sup>(1)</sup> Numerar kontinwu li jikkorrispondi ma' dak fl-Anness I.<sup>(2)</sup> Japplika biss għall-għajjuniet skond l-Artikolu 6(2)(b) tar-Regolament (KEE) Nru 3796/81.

Timbru u firma ta' l-awtorità kompetenti

## L-ANNEX II B

## Tabelli dwar għajuniet mogħtij lill-organizzazzjonijiet ta' produttori

Stat Membru .....

Dokumenti li għandhom jintbagħtu kull sena dwar kull organizzazzjoni ta' produttori

Nru tas-serje (1) ... ..

Organizzazzjoni ta' produttori (isem u indirizz) ... ..

Data tat-twaqqif ... ..

Data ta' l-għarfien ... ..

Data li fiha kienet ingħatat l-għajnunna .....

GĦAJNUNA MOGĦTIJA GĦAL ..... SENA LI TIĠI WARA D-DATA LI FIHA L-ORGANIZZAZZJONI TA' PRODUTTURI INGĦATAT L-GĦARFIEN

## B. 1. Fatturi użati fil-kalkolazzjoni ta' l-għajnunna

Numru ta' membri skond l-Artikolu 4 tar-Regolament (KEE) Nru 3140/82	Prodotti		Kalkolazzjoni ta' produzzjoni mqiegħda fis-suq skond l-Artikolu 6 tar-Regolament (KEE) Nru 3140/82				Prezz ta' produzzjoni kalkolat skond l-Artikolu 7 tar-Regolament (KEE) Nru 3140/82				Medja tal-valur ikkalkolat skond l-Artikolu 3 tar-Regolament (KEE) Nru 3140/82
	Deskrizzjoni tal-prodotti	CCT subintestatura Nru	19..	19..	19..	Medja matul it-tliet snin	19..	19..	19..	Medja matul it-tliet snin	

Huwa konfermat li

- (a) l-organizzazzjoni msemmija hawn fuq tissodisfa l-kondizzjonijiet elenkati fl-Anness I li jinsab ma' dan ir-Regolament;
- (b) il-valur medju tal-produzzjoni mqiegħda fis-suq hija kkalkolata skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KEE) Nru 3140/82;
- (c) meta l-għajnunna mogħtija lill-assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' produttori li għaliha jirreferi l-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KEE) Nru 3796/81 kienet ikkalkolata, produzzjoni mqiegħda fis-suq mill-organizzazzjonijiet ta' produttori li kienu diġà bbenefikaw minn għajnuniet identiċi skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KEE) Nru 3796/81 ma kienx ittieded kont tagħhom.

(1) Numerar kontinwu li jikkorrispondi ma' dak fl-Anness I.

## B. 2. Kalkolazzjoni ta' l-għajnunna

Valur medju tal-produzzjoni mqiegħda fis-suq kalkolat skond l-Artikolu 5 tar-Regolament (KEE) Nru 3140/82	Infieq amministrattiv kif imfisser fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KEE) Nru 3796/81 (1)	Spejjeż dwar it-tfassil ta' l-att li jwaqqaf u l-istatut (2)	Ammont ta' għajnunna mogħtija skond l-Artikolu 6(1) u (2) tar-Regolament (KEE) Nru 3796/81
	(a) (b) (c) (d) (e) (f) (g) (h)		
	Total:		

(1) Uri skond il-mod li għalih jipprovdi r-Regolament (KEE) Nru 1452/83 (ĠU L 149, tas-7.6.1983, p. 5).

(2) Timtela biss dwar organizzazzjonijiet ta' produttori ffurmati minn organizzazzjonijiet li kienu jeżistu qabel.

Qiegħed b'dan jiġi kkonfermat li l-ispejjeż amministrattivi li għalihom jirreferi l-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KEE) Nru 3796/81 ġew stabbiliti skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KEE) Nru 1452/83 u approvati mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri.

Timbru u firma ta' l-awtorità kompetenti

## L-ANNEX III

## Ammont rikoverati fid-19... dwar għajnuniet mħallsa skond ir-Regolament (KEE) Nru 3796/81

Nru tas-serje ( <sup>1</sup> )	Organizzazzjoni ta' produtturi	Għajnuniet eliġibbli rkuprati	Ammonti li għandhom jitnaqqsu mill-kontribuzzjoni ta' l-EAGGF	Fejn xieraq, numru tal-kodifika tal-komunikazzjoni skond ir- Regolament (KEE) Nru 283/72 ( <sup>2</sup> )
Total				

(<sup>1</sup>) Numerar kontinwu li jikkorrispondi ma' dak fl-Anness I.

(<sup>2</sup>) Il-preżentazzjoni ta' din it-tabella ma teskludix il-ħtieġa li jintbagħtu d-dokumenti speċifikati fl-Artikoli 3 u 5 tar-Regolament (KEE) Nru 283/72 (ĠU L 36, ta' l-10.2.1972, p. 1) dwar irregolaritajiet u hłas lura ta' somom imħallsa ħażin b'konnessjoni ma' l-iffinanzjar tal-politika komuni agrikola u l-organizzazzjoni tas-sistema ta' tagħrif f'dan il-kamp.

Konsegwentement, jekk il-hłas lura jirrelata ma' irregolarità komunikata skond ir-Regolament imsemmi hawn fuq, għandu jissemma n-numru li taħtu l-każ kien ġie kkomunkat.

Timbru u firma ta' l-awtorità kompetenti